*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 75*

***4.00p.m 27 ta' Marzu 2024***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *75.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji*

75.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa.

## *75.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

75.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 71. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

75.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi li attwalment hemm diversi CCTV cameras li għandhom problema ta' dawl, fosthom fi Triq Feliċjan Bilocca u ż-żona tal-Korsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn jiżdiedu iktar cameras fi Pjazza G.F Abela fid-direzzjoni lejn Triq Isouard. Il-Kunsillier Spencer qal li qed jissuġġerixxi li ssir camera oħra quddiem il-kavallerija, f'post li sikwit ikun hemm rimi llegali ta' skart. Is-Sindku qabel perfettament li postijiet hekk għandhom ikollhom camera biex jitwaqqaf l-rimi llegali ta' skart.

## *75.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

75.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa dwar x'se jiġri mill-proġett tal-GHRC fil-lokal. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Segretarju Eżekkutiv bgħat email lis-Sur Gino Cauchi, fejn huwa għamilha ċara li triq min ġewwa l-ġnien mhix ser issir. Huwa qal li attwalment il-proġett huwa wieqaf hekk kif qed jistennew il-Provinċjal jagħti l-appoġġ tiegħu biex fil-proġett jiġi nkluż iz-zuntier tal-knisja. Is-Sindku qal li ser inkunu qed inkellmuhom biex xorta jibqgħu jsiru laqgħat regolari dwar il-proġett.

75.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li fi Triq Fra Diegu, l-lavranti tal-kumpanija li hemm, għamlu sfreġju lejn ir-residenti li hemm fit-triq, hekk kif kissru l-bollard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jitkellem ma l-Pulizija dwar dan u l-bollard terġa ssir.

75.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn li l-Pulizija tal-Kommunita' terġa tieħu azzjoni biex d-dgħajsa li hemm fi Triq Antonio Doublet titneħħa, bħalma hemm diversi dgħajjes maġenb it-tined tal-patata, kaxxi tal-laħam bit-timbu hallal fuqhom fi Triq Feliċjan Bilocca. Il-Kunsillier jemmen li l-Puliżija għandha biżżejjed provi ta' llegalitajiet li fuqhom għandha taġixxi.

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dan u ser ikun jitlob laqgħa ma l-Pulizija u anke mas-Supritendent il-ġdid sabiex jiġu ndirizzati dawn l-affarijiet.

75.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace spjega li hemm persuni li jaħdmu ġewwa kumpanija fi Triq Isouard li dejjem qed jipparkjaw filgħodu fuq il-bankina minkejja li saret bollard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal il-Kunsill għandu jitlob lill-aġenziji ta' l-infurzar biex jieħdu l-passi.

75.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk hemm xi persuna nkarigata mill-landscaping taż-żona tal-Housing. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li attwalment m'hemm l-ebda maintenance agreement, għalkemm mill-komun ġabru d-dustbins. Madankollu, hemm bżonn li dan il-punt jiġi ndirizzat mall-Housing.

75.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm lok li jsir parking bay fi Triq Saura ma Triq il-Kunċizzjoni, hekk kif it-traffik issa qed jinżel l-isfel. Il-Kunsillier Spencer qal li jistgħu jsiru żewġ parking bays ta' muturi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk dan huwa possibbli tajjeb li nkellmu lill-Koptasin biex isiru ħalli jiżdied il-parking fl-akwata.

75.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm skema li biha l-Kunsill jista' japplika għaliha biex jixtri vann tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fl-iskema li jmiss dik ta' SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Bħalma ntqal fil-laqgħa li għaddiet dawn l-iskema l-Kunsill ser ikun qed japplika għalihom kollha u dan huwa suġġeriment tajjeb ħafna li ser ikun qed jiġi applikat. Għalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu li napplikaw għal vettura li biha l-Kunsill ikun jista' jiġbor skart mormi llegali.

# *75.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

72.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 02/2024 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il- Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

# *75.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

75.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Storika u Kulturali Marsa kellhom is-seduta Ġenerali Annwali tagħhom, fejn fost affarijiet oħra ddiskutew dawk it-toroq li xi darba kienu fil-konfini tal-Marsa u li ssa m'għadhomx. Staqsew wkoll dwar x'se jiġri minn niċċa ta' Ġesù Nazzarenu li tinsab fil-Ħamrun. Punt ieħor li ddiskutew huwa dwar kif il-Marsa hija parti mir-Reġjun Nofsinhar u mhux parti mir-Reġjun tal-Port. Kellhom mistoqsija oħra dwar ix-xelter ta' Pjazza Magri jekk għandux ikun miftuħ għall-pubbliku. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li biex jiġu ndirizzati dawn il-punti, l-Kunsill irid isib storiku professjonali li jagħmel studju dwar l-istorja u l-konfini tal-lokalita' Marsija. Apparti hekk huwa spjega li n-Niċċa li attwalment hemm fil-Ħamrun hija proprjament parti mill-Marsa. Is-Sindku qal li dawn il-punti huma importanti u malli l-Kunsill ikollu d-dokumenti f'idejh ikun jista' jressaq dawn il-punti mad-Dipartiment u anke l-Qorti jekk ikun

hemm il-bżonn. Huwa xtaq iżid li dwar ix-xelter hemm il-ħsieb li l-post jibqa' ppreservat u jsir xi struttura li tinfetaħ u tingħalaq bħalma hemm fil-lokal tas-Siġġiewi. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

75.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Uffiċju Parrokkjali Parroċċa Trinita' Qaddisa qed titlob lill-Kunsill Lokali tal-Marsa dwar il-possibilità li jsir reklam full page A4 bil-kulur għall-prezz ta' €300. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

75.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li is-Surmast tal-iskola Primarja tal-Marsa qed jitlob il-Kunsill jekk hux possibbli li l-Kunsill jipprovdi t-transport għal-istudenti għall-ħarġa fejn ser ikunu qed iżuru Ta' Ġinġell Farm. L-ammont ta' studenti ser ikunu 61. Wara li kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsilliera qablu li jagħtu dawn il-fondi, madankollu, xtaqu li kull attivita' tiġi evalwata b'mod individwali b'mod li ma jkunx hemm distinzjoni bejn klassi u oħra. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *75.7 Skema t'Attivitajiet;*

75.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa bħalma ġie miftiehem f'seduta preċedenti kien hemm qbil li ser ikun qed ipoġġi l-fondi tal-iskema li ħareġ id-dipartiment fuq dawk tal-Milied. B'hekk il-Kunsill ser ikollu jnaqqas dak tal-Karnival jekk kemm il-darba ma jkunx hemm skemi jew fondi oħra li jkopru l-ispejjeż. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill għandu jinforma b'email lill-Festivals Malta sabiex minnufih isiru diskussjonijiet biex il-karnival tas-sena d-dieħla tiġi organizzata b'kollaborazzjoni magħhom u sabiex jagħtu l-Kunsill għajnuna finanzjarja. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *75.8 Update fuq Ġnien Spencer;*

75.8.1 Is-Sindku s-S Josef Azzopardi spjega li x-xogħol fuq Ġnien Spencer qed jimxi sew. Is-Sindku spjega li biex l-ERA ikunu jistgħu jmantnu l-ġnien u l-latrina pubblika hemm bżonn li huma jieħdu d-devoluzzjoni tiegħu. Is-Sindku ressaq numru ta' punti li għalkemm mhux finali jissalvagwardjaw l-interess tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti li kien hemm qbil li membri tal-Kunsill ikunu parti min kumitat u li kollox isir b'kuntratt fil-preżenza ta' nutar. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjonijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *75.9 Zebgħa ta' Parking Bays – Triq L-Għabex, Triq San Pawl u Triq Patri Feliċjan Bilocca;*

75.9.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isiru parking bays fi Triq l-Għabex, Triq San Pawl u Triq Patri Feliċjan Bilocca. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjonijiet dwar dan, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *75.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

75.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.45pm u ġiet aġġornata għal 25 t'April fl-4.00pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv